**MINUTI**

**Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa b' Urgenza Numru 72

**10 ta' Lulju, 2018**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' b'urgenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-sitta ta' filagħxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa b'urgenza.**

### 72.1 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI

**Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għax kulħadd kien preżenti.**

### 72.2 Attivitajiet għas-sajf 2018;

**72.2.1** **Is-Segretarju Eżekuttiv fetaħ in-nomini li rċieva. F'wieħed mil-envelopes kienet innominata is-sinjura Gladys Cauchi. Il-formoli kienu mimlijien kif suppost. Fl-enevelope l-ieħor kienu imniżżlien Lawrence u martu Mary Zahra u Patri Alfred Vassallo iżda l-formoli ma kienux kompluti. Kellhom nuqqas ta' firem u nuqqas ta' dokumenti. Għaldaqstant, l-unika nomina valida kienet dik tas-sinjura Gladys Cauchi.**

**72.2.2** **Saret diskussjoni u ittieħed vot: 3 favur: Is-Sindku Max Zammit, il-Viċi Sindku R Portelli u l-kunsillier F Roe qabblu li għandha tingħata "Ġieħ ta' Xbiex". 2 Kontra: Il-Kunsilliera E Muscat u L Cachia Castelletti ma qablux u qalu li l-applikazzjoni ma għandiex il-kriterji rikjesti u għaldaqstant m'għandiex tingħata dan il-ġieħ skond ir-regolamenti ta' Ġieħ Ta' Xbiex.**

**Il-Mozzjoni għaddiet.**

**72.2.3** **Il-Kunsillier E Muscat fakkar lil Kunsill dwar il-kontribut siewi li ta' is-Sindku ta' Rocca Santo Stefano, liema lokalita' hija ġemellata mal-Kunsill ta' Ta' Xbiex.**

**72.2.4** **Saret diskussjoni u l-kunsill qabel li jaghti "Ġieħ ta' Xbiex" lis-Sindku Sandro Runieri. Għaldaqstant għas-sena 2018, is-Sinjura Gladys Cauchi u is-Sindku Sandro Runieri ha jingħataw Ġieħ Ta' Xbiex".**

**72.2.5** **Is-Sindku Max Zammit qal li x-xogħol rigward l-attivita' Connecting through Culture għaddej ġmielu. Huwa qal li iltaqa ma diversi ambaxxaturi u spjegalhom din l-attivta'. Huwa qal li ħeġġieġhom ukoll biex jipparteċipaw fl-edizzjoni ta' din is-sena.**

**72.2.6** **Il-Kunsillier L Cachia Castelletti qalet li hija wkoll għaddejja bix-xogħol rigward din l-attivita'. Hija ikkonfermat il-parteċipazzjoni tal- British High Commission, tal-Libya u ta' l-Olanda. Hija qalet ukoll li għal din is-sena l-pajjiżi jidrhu li huwa iktar kommessi li jipprovdu performance fuq il-palk għad-differenza tas-sena l-oħra. Hija qalet ukoll li għal din is-sena ser ikollna banda Olandiża. Hija qalet ukoll li kellha laqgħa mal-**

aġenzija Sedqa u dawn jixtiequ jipparteċipaw billi jtellaw sezzjoni għat-tfal. Huma ser ikunu qiegħdin iqassmu leaflets u bevandi li m'humiex alkoħoliċi.

72.2.7

Is-Sindku Max Zammit qal li għal l-attivita' Connecting through Culture irnexxilu isib sponsor biex ikun jista jospita lil banda ta' Rocca Santo Stefano b'xejn b'valur ta' aktar minn elfejn ewro. Huwa qal li irnexxielu jgib sponsors ohrajna fosthom dawk minghand il-kumpanija Persona u

72.2.8

Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb li jagħmel tajjeb għal ospitalita' u l-ispejjeż li jista jkun hemm relatati mal-vjaġġ li ser ikunu qiegħdin jagħmlu l-President Reġjonali ta' Lazio, is-Sindku Sandro Runieri u l-banda ta' Rocca Santo Stefano.

72.2.9

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filagħxija.

**Konfermati, illum il-Ħamis 26 ta Lulju, 2018.**

**Max Zammit**
**Sindku**

**Clayton Xuereb**
**Segretarju Eżekuttiv**